MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 91/2004

**Joseph Spiteri**

**Vs**

**Melanie Cachia**

**Seduta ta' llum 13 ta' Lulju, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz prezentat mill-attur Joseph Spiteri fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlettax ta' Frar 2004 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta Melanie Cachia thallsu s-somma ta' erbat elef disa' mija w disghin Lira Maltin (Lm4,990) rapprezentanti l-valur ta' numru ta' oggetti mobbli, proprjeta' tieghu, u li qed jinzammu llegalment minnha, wara li l-istess konvenuta giet interpellata sabiex tirritorna dawn l-oggetti mobbli.

Bl-ispejjez. U b'hekk il-konvenuta tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Melanie Cachia, minnha pprezentata fis-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2004 fejn eccepiet:

*1. Preliminarjament l-attur ghandu qabel xejn jiddikjara fuq liema dispost tal-Ligi huwa qieghed jibbaza l-azzjoni minnu nterposta.*

*2. Illi l-azzjoni ntavolata mill-attur hija irrita u nulla stante illi fl-ewwel lok kien jehtieglu jikseb dikjarazzjoni illi l-oggetti illi l-valur taghhom huwa qieghed jirreklama minghand l-eccipjenti huma tieghu, jitlob ir-restituzzjoni tal-imsemmija oggetti minghand l-eccipjenti u l-konsegwenti kundanna ghall-hlas tal-valur tal-imsemmija oggetti f'kaz ta' inadempjenza da parti tal-eccipjenti biex tirrestitwixxi tali oggetti kif talvolta tigi ordnata taghmel mill-Onorabbli Qorti.*

*3. Illi b'kull rispett din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti 'ratione materiae' biex tisma' u tiddeciedi l-azzjoni attrici kif messha giet dedotta kif fuq espost.*

*4. Illi fir-realta' l-azzjoni ntavolata mill-attur hija irrita u nulla stante illi l-parti l-kbira tal-oggetti 'de quo agitur' huma proprjeta' taz-zewg kontendenti flimkien mixtrija miz-zewg kontendenti flimkien fiz-zmien tal-konvivenza taghhom u kwindi l-azzjoni illi messha tigi interposta hija wahda ghar-reziliment tal-komunjoni ta' propreta' tal-imsemmija oggetti u d-divizjoni tal-istess bejn il-partijiet, azzjoni li tezorbita mill-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti 'ratione materiae'.*

*5. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi kif fuq espost il-parti l-kbira tal-oggetti 'de quo agitur' huma proprjeta' taz-zewg kontendenti flimkien.*

*6. Illi l-eccipjenti ghandha d-dritt illi zzomm l-imsemmija oggetti bis-sahha tal-'ius retentionis' biex jaghmlu tajjeb ghal dak li hu dovut lilha mill-istess attur kemm in linea ta' okkupazzjoni tal-fond taghha ghal diversi snin, ghall-okkupazzjoni ta' zewg (2) garages appartenenti lill-genituri tal-eccipjenti, ghal spejjez inkorsi ghall-manutenzjoni tal-fuq imsemmi fond fiz-zmien illi dan kien okkupati mill-attur, ghal spejjez ta' manteniment tal-minuri Leon Spiteri, iben il-kontendenti, ghal spejjez ohra inkorsi mill-eccipjenti ghall-hajja fiz-zmien tal-konvivenza tal-kontendenti u ghal spejjez inkorsi ghaz-zamm fi stat tajjeb tal-oggetti posseduti mill-istess eccipjenti u li taghhom l-attur qed jirreklama l-hlas tal-valur.*

*7. Illi oltre dan uhud mill-oggetti li l-attur qieghed jirreklama l-hlas tal-valur taghhom minghand l-eccipjenti kienu nghataw mill-attur lill-istess eccipjenti b'titolu ta' donazzjoni, u ghalhekk it-talba attrici ghall-hlas tal-valur ta' dawn l-oggetti hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*8. Illi f'kull kaz l-ammont reklamat mill-attur huwa wiehed ezagerat u eccessiv stante illi, fl-ewwel lok, certament illi l-oggetti 'de quo agitur' ma jiswewx is-somma ta' erbat elef disa' mija w disghin Lira (Lm4990) reklamata mill-attur, fit-tieni lok il-valur ta' dawn l-oggetti iddeprezza sostanzjalment kemm minhabba l-uzu u kif ukoll bit-trapass taz-zmien, u fit-tielet lok il-valur ta' dawn l-oggetti naqas minhabba illi kien hemm tnaqqis fil-prezz ta' dawn l-oggetti fis-suq hieles.*

*9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri spettanti lill-eccipjenti skond il-ligi u b'rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw in vista tal-ewwel eccezzjoni kif fuq dedotta.*

Rat li fis-seduta tas-sitta (6) t'Otubru, 2004, ir-rapprezentant legali tal-konvenuta rtira t-tielet u r-raba eccezzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur **Joseph Spiteri** flimkien ma' prospett ipprezentati permezz ta' nota fis-sebgha (7) ta' Frar 2005 (a fol. 16 et seq.). F'dan l-affidavit l-attur jghid li hu u l-konvenuta kienu ltaqghu u bdew johorgu flimkien

f’Ottubru tas-sena 1998. Dak iz-zmien Melanie Cachia kienet diga’ separata minn ma’ zewgha u ghalhekk kienu jafu li ma setghux jizzewgu, pero’ bdew jikkonvivu u mir-relazzjoni ta’ bejniethom kellhom tifel bl-isem ta’ Leon. Jghid li huma kienu jghixu fil-fond numru 19,’Melanie’, St. Mary Street, Mellieha,liema post hu proprjeta’ tan-nanna tal-konvenuta, Angela Sammut. Jghid li Angela Sammut dejjem insistiet maghhom li ma riedet xejn talli huma kienu qed jghixu fil-post taghha, fejn damu jabitaw minn April tal-1999 sa Marzu tas-sena 2003. (Hawnhekk saret referenza ghall-affidavit ta’ Angela Sammut fil-kawza 780/03RCP fl-ismijiet inversi u li kopja tieghu hija annessa ma’dan l-affidavit)

Zied jghid li matul dan il-perjodu huwa kien xtara bosta oggetti li kienu jintuzaw miz-zewg partijiet. Filwaqt li jghid li hejja prospett ta’ dawn l-affarijiet, isemmi li fit-talba tieghu huwa kien naqqas il-flus li hareg biex irranga l-post in kwistjoni u li t-talba tieghu hi limitat ghall-oggetti mobbli li l-konvenuta zammet ghaliha.

Ikompli li r-relazzjoni taghhom intemmet minhabba ndhil min-naha t’omm il-konvenuta, u fil-fatt hu telaq fuq talba tal-konvenuta stess. Jghid li sussegwentement ma lahqux ftehim dwar il-manteniment li kellu jhallas ghal ibnu Leon u ghalhekk spiccaw f’kawza fil-Qorti tal-Familja. Jghid li l-konvenuta zammet dawn l-oggetti bhala pika talli ma kinitx ghaddiet taghha dwar il-kwistjoni tal-manteniment, u dan wara li kienet qaltlu li l-affarijiet seta’ johodhom meta jrid. Zied li wara l-konvenuta bdiet tghid li nofs l-oggetti kienu taghha ghaliex kienet hallset nofshom, izda huwa cahad dan kollu w sostna li hi dak iz-zmien ma kienet thallas xejn ghax ma kinitx tahdem u kien ihallas kollox hu. Imbaghad jghid ukoll li raguni ohra ghala ma tridx ittih lura l-oggetti jew thallsu taghhom hija ghaliex kien ghex fil-post ta’ nannitha. Filwaqt li jsostni li n-nanna m’ghandhiex x’taqsam fil-kwistjoni ta’ bejniethom, jghid ukoll li l-familjari taghha dejjem insistew li huma ma riedu xejn bhala hlas minghandhom talli kienu qed juzaw il-post. Insista li barra minn hekk il-post kien zdingat u kien hu li nefaq hafna flus biex gabu abitabbli.

Jghid li kien interpella lill-konvenuta diversi drabi biex tikkonsenjalu l-oggetti, u dan permezz ta' ittra legali tat-23 ta' Gunju 2003 (Dok. JS1) u b'itttra ufficjali datata 21 ta' Novembru 2003 li giet notifikata lill-konvenuta u li fil-fatt hi wegbitha b'ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru 2003(Dok. JS2 u 3). Izda meta l-konvenuta baqghet ma' radditlux lura l-oggetti, kellu jintavola din il-kawza.

L-attur isemmi l-prospett li pprezenta ma' dan l-affidavit u jghid li fejn seta' huwa esebixxa ricevuti orginali. Jirreferi ghal punt numru 18 tal-prospett (cioe' l-Microwave Daewoo) u jghid li ghalkemm m'ghandux ricevuta tieghu, jaf li kien xtrah hamsa w erbghin Lira (Lm45) u allura stmah erbghin Lira (Lm40) ghalkemm uzah xi darbtejn biss. Rigward l-oggetti elenkati bin-numru 19, jghid li ta' dawn ukoll ma zammx ricevuti u stmahom bi prezz baxx. Imbaghad jirreferi ghal punt 20 u jispjega kif wasal ghas-somma ta' tliet mija w tmenin Lira (Lm380) li kollha jirrigwardaw oggetti li ghandhomx x'jaqsmu mal-qtates Persian li kellhom bejniethom.

Fis-sitta t'April, 2005 il-konvenuta **Melanie Cachia** pprezentat l-affidavit taghha fejn stqarret li hija kienet iltaqghet mal-attur waqt li kienet ghaddejja bi proceduri ta' annullament taz-zwieg taghha. Fil-fatt sostniet li l-attur kien jaf b'dan kollu u sahansitra kien imur maghha ghand l-avukat taghha u kien jiehu hafna nteress fl-andament tal-proceduri. Hija qalet li l-attur kien jghidilha li una volta tkun hadet l-annullament kienu jizzewwgu u jghaqqdu familja. Kompliet li qabel ma bdiet tiffrekkwenta lill-attur, hi kienet tghix fil-fond numru 4, Old Mill Street, Mellieha, li hu proprjeta' ta' nannitha u kultant, wara li harget tqila, l-attur kien imur jorqod hemm ukoll. Ziedet li in segwitu' tal-mewt ta' missier l-attur f'Awissu 1999, hu kien iddecieda li kellhom jibdew jghixu flimkien u allura bdew jghixu fil-*furnished flat* sovrastanti l-post fejn diga' kienet tghix u li jgib l-indirizz 19, 'Melanie', St. Mary Street, Mellieha, li wkoll hu proprjeta' ta' nannitha. Ziedet li precedentement

in-nanna taghha kienet tikri dan il-post lill-barranin u kull ma kellu bzonn il-post qabel ma dahlu fih huma kienet passata zebgha minn barra u gewwa. Tghid li l-ispejjez taz-zebgha kienet hargithom nannitha Angela Sammut u tghid li prova ta' dan huma r-ricevuti esebiti u mmarkati bhala Dok. A. Ikkonfermat li l-attur ghamel ix-xoghol ta' zebgha, li ha sitt xhur.

Insistiet li r-relazzjoni taghhom sfaxxat minhabba n-nuqqas ta' rispett li l-attur kellu lejha u lejn bihom u ziedet li dwar dan setghet tipprezenta kopja t'affidavit taghha fi proceduri ohrajn. B'referenza ghal dak li qal l-attur fl-affidavit tieghu li l-konvenuta ma kinitx tahdem, hija qalet li ghall-kuntrarju qabel iltaqghet mieghu hi kienet tahdem bhala hairdresser fil-Hyperion Hotel, bhala waitress fis-Seabank Hotel u kienet ukoll taghmel ix-xaghar fid-djar tan-nies. Fil-fatt tghid li kienet gemmghet 'il fuq minn tlett elef Lira Maltin (Lm3,000). Esebiet kopji tal-pagamenti tas-salarju taghha bhala Dok. B. Ziedet li sussegwentement dawn il-flus kienu ntefqu peress li kienet ittihom lill-attur biex jinxtraw l-affarijiet tad-dar bejniethom, izda tghid li l-attur kien jghidilha li l-affarijiet ahjar jaghmilhom fuq ismu biex ma johodmlhiex zewgha, peress li kienet ghaddejja bil-proceduri fil-Qorti ma' zewgha. Cahdet li l-attur kien xtara kollox wahdu.

Issostni li minn mindu harget tqila l-attur kien joqghod jghidilha li hu 'bandiera bajda' u li meta jixba' seta' jitlaq. Tghid li nannitha hija xhud ta' dan, u li dan id-diskors qalu wkoll quddiem certa Sinjura Farrugia li toqghod fl-indirizz 244, 'Josef', New Street, Luqa. Ziedet li l-attur kien qabad u telaq mid-dar minn jeddu fit-3 ta' Marzu 2003 bla ma hadd keccieh. Tghid li issa tirrealizza li telaq ghaliex kienet waslet biex tinqata' l-kawza tal-annullament u l-avukat taghha kien qalilhom li kien hemm prospettivi tajbin li hi tiehu l-annullament. Effettivament il-kawza tal-annullament giet deciza fid-29 ta' Mejju, 2003.

Inqala’ wkoll dizgwid bejniethom ghax l-attur ma riedx ihallas manteniment ghal binhom minuri Leon u fil-fatt tghid li ma taha l-ebda manteniment ghall-ewwel sitt xhur wara li telaq u baqghu ma ftehmux dwar dan, tant li l-attur qed ihallas biss hmistax-il Lira (Lm15) fil-gimgha minkejja li ghandu salarju ta’ disat elef Lira (Lm9,000) fis-sena. Ghalhekk izzid li kienet kostretta tiftah kawza ghall-manteniment, u kien ghalhekk li mbaghad l-attur fetah il-kawza odjerna. Tghid li hi dejjem kienet lesta li tilhaq ftehim mal-attur rigward dawn l-oggettu, tant hu hekk li kienet ghaddietlu lista tal-affarijiet li seta’ jiehu (Dok. C) u dawk li kellha zzomm hi. Terga’ tghid li hi kienet lesta tasal ghal ftehim mieghu nonostante li kemm dam jghix maghha hu dejjem ghex frank, ghax il-genituri taghha kienu jghinuhom hafna u anke kienu jhalluh juza z-zewg garaxxijiet li qabel kienu jikru lil haddiehor u b’hekk tilfu dan l-introjtu. Esebiet bhala Dok. D kopja tal-kuntratti ta’ kera tal-garaxx u dikjarazzjoni li mhux se tiggedded il-kirja li kien hemm ma’ terzi.

Filwaqt li nsistiet li l-affarijiet kienu xtrawhom flimkien u allura l-attur ma jistax jippretendi li jiehu kollox wahdu, tghid ukoll li bit-trapass taz-zmien l-affarijiet tilfu hafna mill-valur taghhom u ghalhekk ma jistax jippretendi l-prezz ta’ meta nxtraw. Uhud mill-affarijiet kien tahomlha bhala rigali, u ohrajn kienet xtrathom hi qabel bdew jghixu flimkien. Issostni li dak li qal l-attur cioe’ li kien ihallas ghal kollox hu, mhux minnu, ghax kieku f’dak iz-zmien ma kienx se jirnexxielu jfaddal ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) f’kont bankarju mal-BOV (Dok. E) barra li silef elf u hames mitt Lira (Lm1500) lil ohtu Rita Spiteri (Dok. F). Tghid ukoll li l-affarijiet li xtaqet izzomm huma kollha utli biex it-tifel taghhom jghix hajja xierqa u ma qaghditx tfittex ghall-flus, ghalkemm qeghda tghix bil-beneficcju socjali u qed tkompli tistudja biex issib impjieg ahjar.

Imbaghad semmiet oggett oggett liema huma l-oggetti li jista’ jiehu l-attur u liema riedet izzomm hi.

Fl-ahhar qalet li minkejja kollox hija ghadha disposta li tasal fi ftehim mal-attur dwar din il-kawza ghalkemm mhux

fl-ammont li talab hu. Tghid li llum dawn l-affarijiet kollha zgur ma jiswewx aktar minn elf Lira (Lm1000). Barra minn hekk ziedet li mhix f'posizzjoni li thallas ghaliex hi u binha jghixu bl-ghajnuna socjali.

Rat ukoll li nhar il-hmistax ta' Gunju 2005 xehed **Franco Gove'** (a fol. 157 et seq.) fejn rigward id-dokument a fol. 29 tal-process jghid li dan jirreferi ghal Reverse Osmosis installata fil-fond 19, 'Melanie', Triq Santa Marija, Mellieha, imhallsa minn Joe Spiteri. Jghid li dan id-dokument inhareg mill-World Marketing Services, li taghha huwa Accounts Executive. Ikkonferma li jaghraf il-firma tieghu fuq dan id-dokument. Jispjega li r-Reverse Osmosis facli tizzarma minn fejn tkun u kull ma jibqa' jidher hija toqba.

Imbaghad in kontro-ezami kompla jixhed li hu bhala accountant kull ma jaf huwa li gabulu flus kontanti u qalulu li qeghdin f'isem Joseph Spiteri. Jikkonferma li l-invoice inharget f'isem il-kumpanija. Gie muri d-dokument a fol. 30 tal-process u jghid li fuqu jaghraf il-firma ta' certu Charles Agius li huwa l-persuna li biegh is-sistema in d'ezamina li kienet tiswa' tliet mija w sebgha w tletin Lira Maltin (Lm337). Qal li jekk jiftakar sew din kienet inbieghet fis-sena 2000. Zied li ghalkemm illum is-sistema avvanzat ruhha, l-apparat in kwistjoni xorta ghadu jista' jintuza. Mistoqsi kemm jiswa dan l-apparat illum, wiegeb li ma jafx jghid ghalkemm zgur li inqas minn meta nxtrat. Qal li llum is-sistema l-gdida tiswa xi haga iktar minn hames mitt Lira (Lm500). Jghid li huma bhala kumpanija la jixtru apparat second hand u lanqas jaghmlu tpartit, pero' dan l-apparat xorta jista' jinbiegh.

Rat li fis-seduta tal-ewwel ta' Novembru 2005 l-attur iddikjara li ma kellux aktar xhieda x'jipproduci, hlief ghall-affidavit tieghu stess li sussegwentement giet pprezentat seduta stante nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2006.

F'dan l-affidavit ulterjuri tieghu, l-attur **Joseph Spiteri** (a fol. 166 et seq.) jaghmel referenza ghall-affidavit tal-konvenuta w jghid li l-ebda mill-oggetti li qed jitlob ma kien tahomlha bhala rigal ghax kieku ma kienx jitlobhom lura.

Rega’ sostna li kienet il-konvenuta li keccietu mid-dar ghalkemm ikkonferma li huwa minnu li kien inqala’ l-inkwiet bejniethom u hi qaltlu li kellu jitlaq ghax dik darha. Sostna li hu ghamel minn kollox biex jevita din il-kawza. Isemmi li anke kien kiteb zewg ittri bl-avukat lill-konvenuta, liema ittri jgibu d-dati tat-13 ta’ Mejju 2003 u 21 ta’ Novembru 2003, izda baqa’ bla twegiba.

Jghid li l-konvenuta issa qeghda taghti valur ferm orhos milli tat fl-ittra ufficjali taghha tal-5 ta’ Lulju, 2004 (Dok. C mal-affidavit taghha) meta offrietlu li jzomm l-oggetti kollha u jhallasha tlett elef lira (Lm3000) taghhom, filwaqt li issa qed tghid li dawn ma jiswewx izjed minn elf Lira(Lm1000). Qal li dan juri li hi mhux vera kienet qed tfittex l-interessi tat-tifel.

Jirreferi wkoll ghall-ircevuti tat-tibjid u zebgha li l-konvenuta esebiet bhala Dok. A u filwaqt li ammetta li verament kienet nannitha li hallset l-ispejjez tat-tibjid, sostna pero’ li din ma bajditx biss il-post fejn kienu qed jghixu huma, li wara kollox huwa proprjeta’ ta’ nannitha stess, izda bajdet ukoll post iehor li ghandha vicin li m’ghandu x’jaqsam xejn f’din il-kwistjoni.

Imbaghad b’referenza ghal Dok. JS13 jghid li dan huwa ‘delivery docket’ iffirmat minnu li jikkonferma li hu kien ircieva l-kamra tal-banju, u cahad dak li allegat il-konvenuta li dan hu dokument falz. Zied li l-kamra tal-banju xtraha hu ghalkemm l-ircevuta tal-VAT harget fuq isem il-konvenuta, u kompla jghid li l-ammont muri fuq din l-ircevuta jkopri biss id-deposit, li kienet marret thallsu l-konvenuta wahedha izda bi flusu.

Isemmi wkoll id-Dok. G dwar il-qtates u ccara li dawn gew irregistrati ferm wara s-sena 2002 fuq iz-zewg kontendenti, kif jidher mill-ktieb tax-show tal-qtates esebit minnu stess, ghalkemm izid li wara l-konvenuta qabdet u rregistrathom biss fuq isimha taht Registratur differenti.

Rat ic-Cedola ta’ Depozitu (fol. 173) pprezentata mill-konvenuta Melanie Cachia fil-21 ta’ Marzu 2006, li permezz taghha ddepositat taht l-Awtorita’ tal-Qorti l-

oggetti kollha elenkati fid-Dok. X anness mal-istess Cedola, sabiex ikunu jistghu jigu liberament irtirati mill-attur kontra r-rilaxx tad-debita ricevuta.

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 2006 (fol. 178) fejn id-difensur tal-konvenut talab lil din il-Qorti diversament preseduta sabiex tinnomina espert tekniku biex jaghmel stima tal-valur tal-oggetti mertu ta' din il-kawza. Rat ukoll li r-rapprezentat legali oppona ghal din it-talba u ddikjara li fl-aghar ipotesi l-istima ghandha tirrifletti l-valur tal-oggetti elenkati f'Marzu 2003, li kien iz-zmien meta ntemmet il-konvivenza bejn il-partijiet. Rat li l-Qorti laqghet it-talba u hatret lil Peter Bonello biex jeffettwa stima fl-istat li jinsabu l-oggetti meta jezaminahom.

Rat li dan l-espert tekniku **Peter Bonello** ipprezenta u halef ir-rapport tieghu waqt is-seduta tas-17 t'Ottubru 2007 fejn ikkonkluda li l-oggetti li gew esebiti sabiex tinhareg stima taghhom ghandhom valur ta' elfejn hames mija w tmenin Lira (Lm2580) (fol. 188), l-oggetti li ma nzammitx ricevuta taghhom stmahom ghal mija w hames Liri (Lm105) u l-erbat iqtates "Persian" li wiehed minnhom miet jiswew mitejn u sebghin Lira (Lm270) (fol. 190). Qal ukoll li kien hemm xi oggetti li ma kinux fuq il-lista prezentata fil-Qorti, u dawn stmahom ghall-ammont ta' tlett mija w tletin Lira (Lm330) (fol. 191).

Rat it-talba tal-konvenuta Melanie Cachia sabiex tkun awtorizzata teskuti lill-espert tekniku Peter Bonello, kif kontenuta fir-rikors taghha tal-24 t'Ottubru, 2007, liema rikors gie milqugh mill-Qorti nhar is-26 t'Ottubru, 2007. (fol. 232)

Rat ukoll in-nota tal-konvenuta tal-24 t'Ottubru, 2007 fejn a tenur tal-Artikolu 677 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talbet il-hatra ta' Periti Addizzjonali. (fol. 235).

Rat li fil-5 ta' Frar 2008, il-konvenuta pprezentat nota ohra li permezz taghha ddikjarat, in vista tal-fatt li l-attur kien

qed jirreklama l-valur tal-erbat iqtates, illi l-qattusa Persjana ‘Blanche’ kienet mietet u li ricentement kien miet ukoll qattus Persjan iehor ‘Perry’, li tieghu esebiet ic-certifikat tal-mewt flimkien ma ricevuti fiskali rigwardanti spejjez inkorsi minnha ghand il-veterinarju ghall-istess qattus. (fol. 236 et seq.)

Rat li l-espert tekniku **Peter Bonello** xehed in eskussjoni fis-seduta tal-25 ta’ Gunju, 2008 (fol. 270 et seq.) u qal li ghalkemm huwa kien ircieva d-domandi bil-miktub flimkien mat-tahrika, ma kien ghamel l-ebda risposta bil-miktub, ghaliex kien ra w ezamina l-kondizzjoni ta-tahrika kien ircieva wkoll ligi sussidjarja rigwardanti regoli dwar it-tnaqqis (fol. 260). Qal li huwa dubjuz kemm il-makkinarju li taghmel referenza ghalih din il-ligi huwiex makkinarju industrijali, u zied li fil-fatt m jidhirlux li tista’ tintuza fejn jidhol auditing ta’ kumpaniji. Irrepeta li ghall-valur wasal skond l-apparenza tal-affarijiet. Mistoqsi jekk ipparagunax il-prezzijiet ta’ dawn l-oggetti mal-prezzijiet ta’ l-istess oggetti llum, wiegeb li hu kien ikkalkula kemm kienu l-prezzijiet dak iz-zmien, kemm kienu meta nxtraw u x’jitratta fuq l-ircevuti li ntwerew lilu. Qal li fil-fatt ikkalkula mal-prezz taghhom a bazi tal-ircevuti ta’ meta nxtraw u li kien hemm certi kazi fejn ma kienx konvint u ccekkja skond ir-rati ta’ meta nxtraw.

Mistoqsi kif kien stima l-airconditioner fil-prezz ta’ mitejn u hamsin Lira (Lm250) meta llum dan jiswa mitejn Lira(Lm200), sostna li din hija domanda skorretta ghaliex anke dwar dan kien mexa fuq l-ircevuti u kien anke cempel certu postijiet biex jara l-prezzijiet. Mistoqsi jekk tax kaz id-*depreciation*, qal li hu kien mexa skond il-kundizzjoni tal-oggetti, u sostna li kien qaghad jimxi fuq id-*depreciation* ma kienx ikollu ghalfejn jara l-oggetti ghaliex il-bicca l-kbira minnhom ilhom mixtrija iktar minn hames snin. Pero’ ried jinforma lill-Qorti li hafna mill-affarijiet ma kienux qed jintuzaw u kienu ghadhom tajbin.

Rat li waqt is-seduta tat-13 ta’ Novembru 2008, l-avukat difensur tal-konvenuta ddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq, u li sussegwentement fis-seduta tas27 ta’ Jannar, 2009 l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta moghtija fl-ismijiet premessi nhar is-17 ta' Marzu 2009 fejn l-Qorti kienet cahdet it-talbiet tal-attur ghaliex fil-fehma taghha ma kienx irnexilu li l-oggetti mertu tal-kawza jappartjenu esklussivament lilu u li effettiament l-konvenuta kienet ikkontibwit ghax-xiri taghhom u ghalhekk kienet laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta .

Rat li l-attur Joseph Spiteri, interpona appell minn din is-sentenza nhar it-13 t'April, 2009.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet pemessi nhat it-23 ta' Ottubru 2009 fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*Fl-esposizzjoni tal-izvolgiment tal-process huma mankanti certi fatti rilevanti bhal dawk appena senjalati, u li minnhom, kieku esposti, wiehed seta', bi kjarezza u certezza sufficjenti, jiddezumi liema kienu dawk l-elementi tal-vicenda processwali li l-Qorti kellha tiehu fir-rigward ghall-fini tad-decizjoni taghha. Dan in-nuqqas gab b'konsegwenza illi l-ewwel Qorti ma rragonatx dwarhom, la b'motivazzjoni ta' fatt u wisq anqas ta' dritt, kif hekk kien jimmeritahom certi eccezzjonijiet imqanqla mill-konvenuta. Ghal din il-Qorti din l-ommissjoni ta' l-elementi l-aktar essenzjali tal-kontestazzjoni, sew fl-esposizzjoni tal-fatti kif ukoll fil-parti motivata tas-sentenza, kienet timpedixxi li jkunu maghrufa sew u kif jixraq dawk l-elementi konsiderati jew presupposti mill-Qorti fid-decizjoni taghha;*

*Naturalment, il-Qorti mhix qed tghid illi l-fatti kellhom jigu riprodotti fl-intier taghhom. Trid tfisser biss illi, almenu, kellu jigi rijassunt b'mod konciz il-kontenut sostanzjali tal-kontroversja, bl-indikazzjoni ta' l-elementi essenzjali kompriz dawk fuq riportati minn din il-Qorti;*

*Proprju, ir-razzjonalita' tal-motivazzjoni ghal liema jirreferi l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 jimplika r-raffront bejn ir-ragonament tal-Qorti u r-rizultanzi probatorji. Meta allura, kif inhu l-kaz hawnhekk, dawn ir-rizultanzi ma jkunux riflessi sew jek ikunu bin-nieqes, il-motivazzjoni ma tistax hlief tkun wahda insufficcjenti, u allura wkoll, wahda ta' deficjenza obbjettiva tal-kriterju logiku segwit mill-gudikant ghall-formazzjoni tal-veru konvinciment tieghu;*

*In-nuqqas fil-kaz prezenti mhux wiehed semplicement ta' forma imma hi apparenti bosta l-lezjoni konkreta ghall-interessi ta' l-attur appellant fl-ambitu ta' l-assjem tal-provi u, l-aktar, dik tal-koncessjoni da parti ta' l-istess konvenuta li tirrestitwixxi certi oggetti lill-attur u minnha wkoll hekk depozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti. Koncessjoni din li, sfortunatament, l-ewwel Qorti njorat ghal kollox fuq il-premessa ta' l-ezistenza tal-"pika", anke jekk dwarha jkollu jigi accettat illi, spiss drabi, din jista' jkollu wkoll, ftit jew wisq, il-piz taghha;*

*Taht dan il-profil huwa difficli li din il-Qorti taderixxi ma' l-affermazzjoni generalizzata tal-ewwel Qorti illi l-attur ma pprovax, anke kieku stess in parte l-kaz tieghu, fatt dan li l-Qorti thoss li ghandu ghalissa jithalla mpregudikat ghal stharrig aktar approfondit mill-ewwel Qorti li lilh ser ikollu jigi rimess il-process, sew ghall-gharbiel ta' l-elementi essenzjali ta' fatt kif ukoll ghall-motivazzjonijiet tal-principji tad-dritt. Tillimita ruhha f'dan l-istadju biex tghid illi fl-atti jezistu elementi probatorji bizzejjed li ma kellhomx jiggustifikaw il-parti decizorja tas-sentenza kif mill-ewwel Qorti kkoncepita.*

*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellate w tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti ghal konsiderazzjoni minnha tal-provi kollha in atti u ghad-decizjoni minnha skon il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu sopportabbli skond il-gudizzju finali ta' l-ewwel Qorti wara d-debita rikonsiderazzjoni tal-kaz."*

Rat il-verbal tal-1 ta' Dicembru 2009, fejn din il-Qorti diversament preseduta kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuti tal-kaz stante li kienet diga' ddecidiet il-mertu.

Ghalhekk skond l-Artikolu 11 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, nhr il-11 ta' Dicembru 2009 il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat li waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar, 2010 l-avukat tal-attur iddikjara li kien qed jirrimetti ruhu ghall-atti processwali, filwaqt li l-avukati difensuri tal-konvenuta ma dehrux. Ghaldaqstant din il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni.

Sussegwentement nhar it-22 ta' Gunju, 2010 l-avukati tal-konvenuta regghu naqsu li jidhru, u l-avukat difensur tal-attur attira l-attenzjoni tal-Qorti ghall-verbal tas-6 ta' Ottubru 2004 (fol. 12) meta gew irtirati t-tielet u r-raba' eccezzjoni. Inoltre l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn din il-Qorti tirrileva li l-konvenuta kienet irtirat it-tielet u r-raba' eccezzjoni taghha u ghalhekk mhux ser ikun hemm gudizzju f'dan ir-rigward.

Illi l-azzjoni ordinarja ezasperita mill-attur hija 'l-*actio depositi'* intiza biss biex il-konvenut irodd lura s-somma t'erbat elef disgha mija u disghin lira Maltin (LM4,990) rapprezentanti valur t'oggetti li huwa kien ikkonsenja lill-konvenuta u li din illum qed tirrifjuta li tirritorna. Il-konvenuta ma tidhirx li qed tikkontesta l-konsenja izda qed tippretendi li din saret mhux b'titolu ta' depositu imma bhala restituzzjoni ta' flus appartenenti lilha. Ghalhekk jehtieg li jigi ezaminat jekk id-depozitu invokat mil-attur jinsabx sostanzjat mill-provi.

Jinghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar il-21 t'April 1961 fl-ismijiet **Victor Mercieca vs Concetta Pisani et** "*li ai termni ta' l-artikolu 1181 tal-Kodici Civili id-depositarju ghandu l-obbligu li jirrestitwixxi l-haga depositata ghandu lill-persuna li tkun ikkonsenjathielu in depositu. Jekk id-depositarju ma jkunx irid jirrestitwixxi dik il-haga ghax jippretendi li hija tieghu, u mhux ta' min ikun iddepositaha ghandu, huwa ghandu jipprova malajr u b'mod sommarju li l-haga hija tieghu, diversament, huwa ghandu jrodd id-depositu, salv id-dritt tieghu li jesercita l-azzjoni rivendikatorja biex jirreklama dik il-haga "si et quatenus*"

**Pothier** f'dan ir-rigward ighid "*perche ammettasi tale eccezzione (tal-proprjeta') fa d'uopo che il depositario sia in grado di provare prontamente e sommariamente il suo diritto di proprieta, altrimenti la presunzione sta per colui cha ha dato la cosa in deposito, Il quale si reputa possederla per di lui mezzo, ed esso deve essere condannato provisionalmente a restituirgliela salvo di poter egli intentare in seguito contro di lui l'azzione di rivendicazione".* Dan hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Bondin vs Utrinque** deciza nhar il-25 ta' Frar 1955. Vol XXXIX-III-580).

Fil-kawza **"Manche' vs Said"**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2003, intqal li d-depozitarju hu obbligat li jrodd dawk l-oggetti lil min ikun fdahom f'idejh, u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa jkun responsabbli tat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min ghamel id-depozitu, la darba jirrizulta li l-oggetti li gew fdati lilu m'humiex tieghu.

M'hemmx dubbju ghalhekk li ai fini tal-ewwel eccezzjoni huwa ovvju mill-korp tal-avviz li l-azzjoni tal-attur hija bazata fuq l-istitut ta' depositu.

Dwar it-tieni eccezzjoni l-konvenuta qed tghid li l-azzjoni ntavolata mill-attur hija irrita w nulla stante illi fl-ewwel lok l-attur kien jehtieglu jikseb dikjarazzjoni illi l-oggetti illi l-valur taghhom huwa qieghed jirreklama minghand l-eccipjenti huma tieghu qabel ma jitlob ir-restituzzjoni

taghhom, u l-konsegwenti kundanna ghall-hlas ta' valur f'kaz li l-konvenuta ma taderixxix ruhhha mat-talba attrici.

Il-Qorti hija tal-fehma, kif del resto hija l-fehma tal-Qorti tal-Appelli, kif espress minha fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Michael Cachia vs Dennis Jacques deciza** fl-4 ta' Marzu 1957 illi *"in-nuqqas ta' din it-talba ghal dikjarazzjoni ma ggibx il-liberazzjoni tal-osservanza tal-gudizzju tal-konvenut jew l-irritwalita' tal-azzjoni. Ir-regola hi li d-domandi principali ghandhom ikunu preceduti minn domandi ghal domanda ghal dikjarazzjoni , jew mad-domandi principali ghandhom jizdiedu domandi ghal dikjarazzjonijiet, meta il-fatt li dwaru intalbet id-dikjarazzjoni jkun gie negat jew kontrattat mill-konvenut, u ghalhekk id-domanda ghal dikjarazzjoni tkun giet provokata minnu jew meta d-dikjarazzjoni tkun indispensabilment necessarja ghall-proposizjoni tad-domanda principali. F'kull kaz iehor hija bizzejjed il-prova tal-fatt minghajr ma jehtieg li l-gudikant jigi msejjah biex jaghati dikjarazzjoni li l-fatt gie pruvat."*

Illi f'dan il-kaz m'hemm l-ebda talba mill-konvenuta sabiex l-oggetti li qed jigu reklamati mill-attur jigu dikjarati li huma taghha. Jidher car, almenu mill-korp tal-avviz u mix-xhieda tal-attur, liema huma l-oggetti li huma tieghu. Sta ghall-Qorti issa, *una volta* taghmel l-ezercizju taghha, sabiex tkun konvinta li l-attur ipprova ghas-sodisfazzjon taghha li effettivament dawk l-oggetti li huwa stima li ghandhom valur ta' erbat elef disa' mija u disghin Lira (LM4,990) effettivament huma proprjeta' tieghu. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni dwar in-nullita' tal-avviz qed tigi michuda.

Dwar il-hames eccezjoni, stante li t-tielet u r-raba' gew irtirati, l-konvenuta tghid li l-oggetti li qed jigu reklamati huma proprjeta' taz-zewg kontendenti. Dwar dan naturalment il-Qorti trid tidhol fil-provi sabiex tasal ghall-gudizzju taghha. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi ezaminata flimkien mas-sitt u seba' eccezzjoni dwar il-mertu.

Il-konvenuta ssostni li hija ghandha dritt li zzomm l-ogggetii mitluba bis-sahha tal-istitut tal-*ius retentionis.* B'hekk qed tirrikonoxxi indirettament li l-oggetti mitluba ma kinux taghha izda trid izommhom biex jaghmlu tajjeb ghal certi obbligi li l-attur kellu fil-konfront taghha.

Fi kliem iehor, l-imharrka qeghda tinvoka l-jedd ghar-ritenzjoni: li qabel ma tinghata lura l-kumpens dovut ghaz-zmien li l-attur ghex fil-proprjeta' tan-nanna taghha, u tal-uzu li ghamel mill-garaxxijiet tal-familja taghha, u jhallasha, l-attur ma jistax jippretendi li jnehhiha mill-pussess tal-oggetti li ilha tgawdi ghal zmien twil. Il-*ius retentionis g*ie mfisser bhala "*la facolta' attribuita al detentore di una cosa contro tutti, di ritenerla fino a quando gli sia stato completamente pagato il dovuto*" **Buadry-Lacantinerie et Tissier, *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile***, Vol XXVI, par 228, pag.316 ;

Illi l-Ligi taghna taghti gharfien limitat f'dan ir-rigward (**Art. 1997(1) tal-Kap 16):** madankollu torbot il-jedd taz-zamma tal-haga mal-ezistenza ta' jedd moghti mil-Ligi. Fi kliem iehor, mhux kull min jemmen li ghandu jedd jitnissel favurih il-*ius retentionis*: tali jedd irid ikun moghti lilu espressament mil-Ligi. Dan ghaliex id-dritt taz-zamma huwa meqjus bhala "*una forma di autotutela e di legittima difesa...consentito soltanto nei casi espressamente previsti, in cui il legislatore ha ritenuto, perche' ragioni speciali giustificavano la tutela del creditore, di derogare al principio che l'ordinamento giuridico non permette ai singoli di farsi giustizia da se'*" (**Torrente, *Manuale di Diritto Privato*** (9a Ediz.), par 284, pag. 460);

Illi, madankollu, ghalkemm il-*ius retentionis* huwa meqjus bhala istitut ta' ghamla eccezzjonali li jorbot biss fejn il-Ligi espressament tistabilih, mhux kulhadd jilqa' l-fehma li d-dritt taz-zamma ma jistax japplika ghal kazijiet ohrajn li jhaddnu l-istess kundizzjonijiet essenzjali bhal dawk espressament imsemmija mil-Ligi. Dan japplika wkoll fejn ikun hemm rabta bejn il-haga mizmuma u l-kreditu tal-persuna li tippretendi li tista' tibqa' zzomm dik il-haga (App. Civ. **26.3.1968** fil-kawza fl-ismijiet ***<u>Frank Gulia et vs</u>***

***__Joseph Agius et__*** (mhix pubblikata) li fiha studju tal-origini u l-ghejjun tal-artikolu 1997 tal-Kodici Civili taghna.)

Jidher li l-fehma hija li fil-Ligi taghna minkejja li d-dritt ta' ritenzjoni m'huwiex minnu nnifsu jedd ta' privilegg jew kawza ta' prelazzjoni (**Art.1996 tal-Kap 16**), l-istess kawzi ta' preferenza ma jnaqqsu xejn mis-sahha ta' tali jedd fejn japplika. Jidher ghalhekk li, fejn il-*ius retentionis* japplika, dan jista' jigi oppost kontra t-terzi persuni li jkollhom interess fil-haga mizmuma u mhux biss kontra d-debitur li minm ghandu l-haga ghaddiet ghand il-kreditur.

Illi gie stabbilit ukoll li l-pussess tal-haga li fuqha l-"kreditur" jista' jippretendi l-jedd tar-ritenzjoni jrid li jkun "pussess veru u proprju fis-sens legali" (P.A. **7.5.1955** fil-kawza fl-ismijiet ***__Falzon vs Micallef et noe__*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.646**)), li jrid ikun dak fejn persuna zzomm il-haga bhala taghha nnifisha u mhux fl-isem ta' min tahielu bil-fehma li jroddha lura.

Illi f'dan il-kaz pero' ma jirrizultax li l-konvenuta ghandha xi *claim* kontra l-attur, izda semmai huma l-familjari taghha li ghandhom, u cioe' n-nanniet taghha li hallewh jghix maghha ghal numru ta' snin, kif ukoll il-genituri taghha li hallewh juza zewg garixxijiet minn taghhom flok ma krewhom lil terzi. Imkien pero' ma jirrizulta ghalhekk li l-attur ghandu xi debitu fil-konfront tal-konvenuta ghal dan ir-rigward.

Jibqa' ghalhekk li din il-Qorti tiddeciedi dwar jekk l-oggetti reklamati mill-attur humiex verament tieghu, u jekk huma ghadhomx jezistu, u in oltre x'kien il-valur taghhom meta kienu gew mehuda ghand il-konvenuta. Din il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lill-espert tekniku Peter Bonello sabiex jaghmel lista tal-oggetti, jaghti valur taghhom fiz-zmien li gew mehuda ghand il-konvenuta, w jaghti valur taghhom f'kaz li dawn m'ghadhomx ghandha.

Kif gie osservat ricentement fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **__Saverio Anastasi et vs Joseph Vassallo__** nhar l-10 ta' Marzu, 2010 mill-Qorti ta' l-Appelli :-" *Huwa minnu*

*illi skond* ***l-Artikolu 681*** *tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Dan pero` ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami" - "****Philip Grima –v.- Carmelo Mamo et nomine****", Appell, 29 ta' Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi "f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" -****Benjamin Camilleri nomine –v.- Charles Debattista nomine****, Appell, 9 ta' Frar 2001."*

"Fil-kawza **Champalin Company Limited v. Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad: "*Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita` sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux App. Civ. 9/2/2001 –* ***Camilleri v. Debattista****].*

Ghalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [**Kap. 12 Art. 681**], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u

konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App. Civ. 23/6/1967 **Bugeja v. Muscat et**]."

Ghalhekk f'dan l-istadju jispetta lil din il-Qorti tesamina r-rapport tal-perit tekniku f'dan ir-rigward u cioe' dwar il-konsistenza tal-oggetti u l-valur taghhom.

Illi a fol. 26 ta' l-atti l-attur esebixxa prospett tal-oggetti li jrid lura u l-valur taghhom. Jinghad li dawn l-oggetti ghandhom ricevuta f'isem l-istess attur.

Jinghad ghalhekk li dawn l-oggetti *prima facie* jidhru li huma proprjeta' ta' l-attur. Dawn huma s-segwenti:-

a. Compjuter u apparat relatat (dok JS4) dan inxtara fis-sena 2001 ghas-somma ta' LM585.

b. Sistema ta' *reverse osmosis* tal-ilma (dok JS5) installat fid-dar fejn kienu jghixu l-kontendenti. Din inxtrat fis-sena 2004 b'valur ta'LM437.

c. Television set Daewoo (dok JS6) li nxtara fis-sena 1999 b'valur ta' LM199.

d. Airconditioner Kelvinator (dok JS7) li nxtara fis-sena 2000 b'valur ta LM439.

e. Airconditioner Artel (dok JS8) li nxtara fis-sena 2000 b'valur ta' LM185.

f. Washing Machine tal-ghamla Daewoo (JS9) li inxtrat fis-sena 1999 b'valur ta' LM120.

g. Freezer upright (JS10) li nxtrat fis-sena 200 b'valur ta' LM174.

h. Portable CD player (JS11) li inxtara fis-sena 200 b'valur LM33.91.

i. Set komplut bil-madum u accessorji (JS13) li inxtara fis-sena b'valur ta' LM718.

j. Hair dryer Kenwood (JS14) mixtrija fis-sena 2001 b'valur ta' Lm17.

k. Electric polisher (JS 15) mixtri fis-sena 1993 b'valur ta' LM50.

l. Slender tone machine (JS16) imhallas mill-kont bankarju tieghu fis-sena 1999 b'valur ta' LM110.

m. 2 vacum cleaners (JS18) mixtrija fis-sena 2002 b'valur ta' LM40.85.

n. 1 computer table and chairs (JS19) mixtrija fis-sena 2001 b'valur ta' Lm133.

Apparti minn dawn l-oggetti huwa qed jitlob ukoll refuzjoni ta' nofs il-flus li hallas ghax-xiri ta' erbat iqtates Persian li xtara nofs bin-nofs mal-konvenuta. Dwar dan pero' jinghad aktar fi stadju ulterjuri.

Jghid ukoll li kien hemm xi oggetti zghar li xtrahom hu izda m'ghandux ricevuta taghhom, u dawn huma s-segwenti:-

l-oggetti ndikati bin-numru 19 a fol. 26 konsistenti f'*car accessories, wall clock, play station, tool box,* apparat tas-sajd u apparat biex jinzamm l-inbid, ilkoll b'valur komplessiv ta' mitejn u disghin Lira Maltin (LM290).

Dwar l-oggetti ndikati fil-lista tieghu, b'mod partikolari d-dokument JS6, m'hemmx ricevuta u ghalhekk l-attur ma pprovax li kien hu li hallas ghal dan l-oggett, u cioe' allegat television tal-ghamla Samsung, u in oltre z-zewg dokumenti JS12 u JS16 jindikaw ricevuta li l-oggett inxtara bejn l-attur u sinjura ohra imsemmija bhala Mrs. Spiteri, u ghalhekk semmai jekk jirrizulta li dawn l-oggetti jinsabu ghand il-konvenuta hija trid jew tirritorna l-oggetti lura jew tikkumpensah ghal nofs il-prezz li kien hallas. Illi minn ezami tal-affidavit taghha jirrizulta li hija lesta li tirritorna l-

oggetti ndikati fid-dok JS12 u JS16 liberament lill-attur, u ghalhekk dwar dawn l-oggetti m'hemmx kontestazzjoni.

Illi skond l-affidavit tal-konvenuta apparti id-dok JS12, JS16 u dok JS19, hija lesta li tirritorna numru ta' oggetti ohra kif imsemmija minnha fil-lista taghha a fol. 112 tal-atti, u cioe' s-segwenti:

a. Computer u apparat relatat (JS4)
o. Freezer upright (JS10)
b. Portable CD player (JS11)
c. Electric polisher (JS 15)
d. 2 vacum cleaners (JS18)
e. 1 computer table and chairs (JS19)

Il-konvenuta fl-affidavit taghha ssemmi oggetti ohra li lesta tirritorna lill-attur ghalkemm l-attur ma talabhomlhiex, u ghalhekk dwar dan la m'hemmx talba din il-Qorti sejra toqghod siekta u ma tippronnzjax ruhha. Illi ghalhekk dwar dawk l-oggetti mitluba mill-attur u cioe' Dok JS4, JS10, JS11, JS15, JS18 u JS19 imsemmija a fol 112 tal-atti m'hemmx kontestazzjoni, w ghalhekk il-konvenuta ghandha tirritornahom lill-attur bla aktar tlaqliq.

Illi ghalhekk fadal jigu diskussi l-oggetti li semma l-attur u ghandu ricevuta taghhom, u l-konvenuta qed tghid li qed tirrifjuta li tghaddihom lill-attur ghax dawn qed juzahom binhom komuni u dawn huma s-segwenti:

a. Reverse osmosis tal-ilma Dok JS5.
b. Television set Daewoo JS6.
c. Airconditioner Kelvinator u iehor Artel Dok JS7 u dok JS8.
d. Washing machine Daewoo.
e. TV Samsung.
f. TV Daewoo.
g. Set tal-kamra tal-banju.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li dawn l-oggetti jinsabu ghand il-konvenuta u huma proprjeta' tal-attur. Imkien ma hija qed tikkonstesta li dawn huma oggetti tieghu, izda

tghid li dawn l-oggetti qed juzahom binhom komuni, u ghalhekk fil-fehma taghha dawn ghandhom jibqghu ghandha.  Dwar dan il-Qorti ma taqbilx, ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-attur ghandu dan il-pajcir li jhalli l-oggetti mitluba minnu, uzati minn ibnu fil-pusess tieghu u ghalhekk il-konvenuta ghandha tirrortorna dawn l-oggetti wkoll.

Il-konvenuta fl-ebda hin ma tghid li l-oggetti mitluba mill-attur m'ghadhomx jezistu salv ghal xi qattus li miet u ghalhekk il-Qorti jidhrilha li ghandha tordna lill-konvenuta tirritorna l-oggetti lura, u taghti x-xelta lilha li tirritorna oggetti li llum huma qodma u bla pregju, jew valur minimu, pero' f'kaz li tonqos li taghmel dan il-Qorti sejra tillikwida ammont *arbitrio boni viri*, peress illi thoss li wara ghaxar snin t'uzu hafna mill-oggetti mitluba illum m'ghadx ghandhom valur.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost m'hemmx wisq x'jista' jinghad fuq l-oggetti mitluba.

Dwar il-kwistjoni tal-qtates jirrizulta li dawn huma registrati f'isem il-kontendenti u skond il-konvenuta l-attur kien tahomlha rigal, ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, u stante li ghaddew diversi snn tant li dawn draw ghand il-konvenuta, ma jidhirx li jkun gust li din il-Qorti tordna lill-konvenuta tghaddihom lill-attur meta dawn il-qtates ikunu draw lil sidhom, specjalment meta tara li tul dawn l-ahhar snin li l-qtates kienu mal-konvenuta kienet hi li haeet hsiebhom u temghathom.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u raba' eccezzjoni stante li dawn gew irtirati mill-konvenuta, tilqa' t-talba tal-attur u tordna lill-konvenuta tghaddi l-oggetti kollha ndikati fil-prospett li huwa esebixxa fl-atti u dan fi zmien hmistax-il jum millum u fin-nuqqas tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, erba' mija w erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06) ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) bhala l-valur reali ta' dawn l-oggetti, filwaqt**

**li qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta salv u b’eccezzjoni ghat-tieni wahda.**

**L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-konvenuta.  Bl-imghax legali kontra taghha li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------